# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIŻJONI NRU. 70

KAŻ NRU. 81

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Vincenza Vassallo
u
Messrs Velna Shirts Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tat-3 ta' Marzu, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Vincenza Vassallo mill-Kumpanija Velna Shirts Co. Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur F.E. Amato Gauci, M.B.E., B.Sc., filwaqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur John Navarro, Direttur ta' l-istess Kumpanija.

3. Statements of Case - Ghall-appellant is-Sur F.E. Amato Gauci issottometta li Vincenza Vassallo bdiet tahdem mal-Kumpanija fit-28 ta' Gunju 1976 bhala "Machinist" u wara ftit gimghat giet trasferita bhala skrivana fl-ufficcju. Wara xi sena u nofs inghatat assistent li hadilha parti mix-xoghol. Barra z-zidiet li hadet fil-paga skond il-ligi, hija hadet 'merit and service increments' ta' izjed minn £3 (tlett liri) fil-gimgha li minnhom l-ahhar lira kienet inghatat fil-bidu

/.....

ta' 1979. Ix-xoghol taghha la kien ftit u inqas hafif u ta' certa responsabilita'. Fl-10 ta' Jannar 1980, is-Sur Godwin Navarro, il-Manager, wara tilwima bejnu u l-appellant, dwar kif jigi kalkolat certu percentagg, qal lill-appellant "fate larga" u baghatha u qalla tiehu hwejjigha. Sitt ijiem wara irceviet bil-posta certifikat ta' temm ta' l-impieg mit-13 ta' Jannar 1980, li juri r-raguni tat-temm kienet "continuous insubordination." Ma kien hemm ebda raguni valida ghat-temm ta' l-impieg ghax l-appellant dejjem giebet ruhha sewwa, dejjem ghamlet ix-xoghol taghha tajjeb, irrispettat is-superjuri taghha u ghalhekk titlob li :

a) terga' tiehu l-impieg li kella qabel tkecciet;

b) tkun kompensata ghad-difamazzjoni li fih ic-certifikat tat-temm ta' l-impieg;

c) tkun kompensata ghall-inkwiet li kkagunatilha-t-tkeccija;

d) tkun kumpensata ghaz-zmien li sfat bla xoghol ingustament.

4. <u>Ghall-Kumpanija</u>. Is-Sur John Navarro ghall-Kumpanija issottometta li t-temm ta' l-impieg ta' l-appellant kien ghal ragunijiet validi skond il-ligi. Sostna li matul il-perijodu tal-impieg taghha Vincenza Vassallo kienet tat lok ghall-sensiela twila ta' lmenti dwar ix-xoghol li kienet taghmel u dwar l-attitudni taghha fil-konfront tal-"Management" u anki ta' haddiema ohra. L-appellant kienet ta' spiss ma tobdix l-istruzzjonijiet moghtija lilha, persistentement insubordinata, xi drabi thalli l-post tax-xoghol minghajr permess, tirreagixxi esterikament ghat-twissijiet moghtija lilha ghal xoghol maghmul hazin jew ghal nuqqasijiet ohra taghha. Dwar dan kienet giet imwissija diversi drabi izda l-

attitudni taghha baqghet negattiva u x-xoghol taghha hazin. Meta ghalhekk inqala' l-ahhar incident bejn l-appellant u l-"Management" u din halliet il-post tax-xoghol taghha minghajr permess, il-Kumpanija ma kelliex triq ohra hlief li titterminalha l-impieg. Is-Sur John Navarro esebixxa tlett certifikati mmarkati Dok. B 1, Dok. B2, Dok.B3 ghal perijodi mhux twal ta' assenzi mill-ahhar gimgha ta' Lulju sa l-ahhar ta' Novembru 1979 fejn il-kawza ta' l-assenzi kienet 'hysterical attack' 'nervous depression' 'anxiety'.

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda :

| | | |
|---|---|---|
| Vincenza Vassallo | - | (l-appellant) |
| Godwin Navarro | - | Manager tal-Kumpanija |
| Gerald Vassallo | - | Missier l-appellant |
| Mario Caruana | - | Impjegat tad-Dipartiment tax-Xoghol |
| George Callus | - | Impjegat tad-Dipartiment tax-Xoghol, |

waqt li ghall-Kumpanija nstemgha xhud wiehed, Louis Padovani, assistent tad-diretturi ta' l-istess Kumpanija.

6. <u>Xhieda fil-qosor</u> - Vincenza Vassallo, l-appellant qalet x'kienu l-kwalifiki taghha, li dahlet mal-Kumpanija bhala "machinist" izda ftit gimghat wara giet promossa 'general duties clerk' u li barra miz-zidiet fil-paga skond il-ligi hi kienet irceviet ukoll zidiet ohra u li l-ahhar zieda kienet fil-bidu ta' l-1979. Fi Frar ta' l-1978 dahal skrivan iehor u ha parti mix-xoghol taghha. Ziedet tghid li s-Sur Godwin Navarro, Direttur tal-Kumpanija kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni u s-Sur Oliver Navarro kien jiehu hsieb il-'cutting department' waqt li s-Sur John Navarro kien jghinhom ukoll. Spjegat x'kien xogholha haga haga u kif beda jizdied dejjem izda s-Sur Padovani kien ha xi xoghol minn taghha. Qalet li hi kienet novizza u damet sentejn u erba' xhur qabel ma dahlet mal-Kumpanija u harget ghax-xoghol ta'

'nursing' ma kienx jghodd ghaliha izda qabel dahlet novizza kienet ghaddiet visita medika u t-tabib iccertifikaha li kienet 'mentally and physically fit to be a nun'. Dak iz-zmien li kienet novizza qatt ma hadet medicini bhal 'valium'. L-ewwel incident kien meta fil-1979 talbet xi zieda lis-Sur Godwin Navarro u dan beda jghajjat u qalla "jekk ma joghgbokx itlaq" u ghall-istess habta, f'Lulju ta' l-1979, kellha ncident mal-Production Manager fuq qmis kampjunarju u ghax ghamlet it-telephone f'postu, il-Production Manager beda jghajjat "dawn in-nervi li ghandek,aqbad u itlaq," bdiet tibki u taha hass hazin tremend u kellhom iwassluha d-dar huma stess u harget ghal gimghatejn 'sick leave' b' certifikat mediku 'nervous depression' u t-tabib ippreskrivilha l-'valium' - dan ma ghadiex tiehdu ghax l-attakki kienu jaghtuha meta kienu jirrabjaw maghha. Gieli ukoll li fahhruha fuq xoghol tajjeb li kienet taghmel bhal f'okkazzjonijiet meta sabet zbalji tal-'Vogue Labels' u affarijiet ohra. L-incident tal-10 ta' Jannar 1980 inqala' meta kella tohrog mill-istock kaxxi tal-kartun li kultant kienu jkunu fil-gholi u kellha ghalhekk ikollha titla' fuq sellum. Fil-fatt dak in-nhar is-Sur Godwin kien qalla 'kaxxi minn hemm fuq trid taghti biex jigu kollha l-istess livell' u hi wegbitu li kultant ma tkunx tista' taghti minn fuq u ghalhekk taghti minn isfel, wahda ghaliex kien ikollha titla' fuq is-sellum u mhux dejjem kienet tkun tista' titla' s-sellum meta kien ikun hemm l-irgiel u ghalhekk kienet taghti minn isfel. Is-Sur Godwin kien bada bil-harra u qalla li ma kelliex taghti minn isfel u fl-istess gurnata kellha wkoll incident fuq sistema kif jinhadem percentagg. Hi ma kelliex il-'calculator' u hadmita b'sistema divers milli hadmu d-Direttur, is-Sur Godwin Navarro. Dan sostna li l-metodu taghha kien zbaljat u hi sostniet ghal izjed minn darba li taghha kien tajjeb ukoll u s-Sur Godwin Navarro beda jghajjat u talbha biex

taghmel apologija u din ma ratx raguni l-ghala kellha taghmel apologija u dak il-hin qalla "Itlaq minn issa stess hawnhekk ma rridekx" u hi wiegbet "Mhux jien se nitlaq ghaliex jien mhux mignuna se naqbad u nitlaq minn jeddi" u qalla "Mhux mignuna imma disturbata". Xara marret id-Dipartiment tax-Xoghol ghand is-Sur Mario Caruana. Dan cempel is-Sur Godwin Navarro u dan qallu li din kienet ghada impjegata. Ghalhekk hi marret lura ghax-xoghol, laqghahha s-Sur Padovani u meta dahlet ghand is-Sur Godwin Navarro, dan akkuzaha li telqet minghajr permess, li hi mhux nies u li hi tgerrixhom in-nies u qalla biex tmur ir-'rest room' tigbor hwejjigha u titlaq il-barra. Hekk ghamlet u l-ghada regghet marret id-Dipartiment tax-Xoghol u kelmet lis-Sur Callus. Dan cempel lis-Sur Godwin Navarro u dan wiegbu li din kienet ghadha mpjegata mal-Kumpanija. Is-Sur Callus qallu 'mela din tidhol ghax-xoghol nhar it-Tnejn' u ghal dan is-Sur Navarro wiegbu, "Le, nhar it-Tnejn ma tidholx ghax-xoghol sakemm il-Kumpanija tiddeciedi x'ser taghmel" u f'nofs il-gimgha irceviet certifikat ta' temm ta' mpieg. Sostniet li darbtejn baghtuha l-barra quddiem is-Sur Olvier Navarro u ma kellha ebda dubbju li giet imkeccija u fuq ic-certifikat ir-raguni tat-temm ta' l-impieg kitbula "continuous insubordination". Ix-xhud semmiet ukoll xi incidenti ohrajn fejn kien hemm nuqqas ta' qbil mas-Sur Godwin Navarro, fejn hi kienet xi ftit nervuza, u darb'ohra meta ghajjat maghha quddiem ohrajn u billi bdiet tibki qalla biex tiehu nofs ta' nhar 'break' u fuq dan inqala incident meta s-Sur Godwin Navarro beda jirrabja u jsabbat u l-ghada tant kienet nervuza u hassa hazin u s-Sur Godwin haseb li ser tmutlu hemm. Rigward il-procedura tat-'twissijiet' qalet li t-twissijiet kienu jigu iffirmati mill-'production manager' jew is-'supervisor' u kienet tiffermahom hi izda l-impjegati kienu jigu msejjha dejjem quddiem is-supervisor bhala xhud u jew l-impjegat jiffirma li rceva t-twissija jew kienet issir verbalment. Hi la qatt kella twissijiet bil-miktub u inqas bil-fomm.

<u>Is-Sur Godwin Navarro</u> spjega sewwa x-xoghol li' kienet taghmel Vincenza Vassallo u sa fejn setghet tiehu certa responsabbilita limitata u bi twegiba ghal mistoqsijiet qal li l-appellant kienet naqsitu mir-rispett indirettament u kienet akkuzat lix-xhud li ried jehles minnha u dan ma kienx veru u kien talabha apologija. Kien kellem lill-missierha u baqghet xorta tirrispondih u kienet difficli tikkomunika maghha ghax jew taghmel is-sistema taghha jew tistrombla. Twissijiet bil-miktub qatt ma taha ghax dejjem kellu tama li xi darba ser tirranga izda twissijiet bil-fomm quddiem ix-xhud kien taha kemm il-darba. Jekk ghal xi raguni kien jikkoregiha kienet taghmel gurnata jew jumejn strumblata u inqas tkellem il-hadd jew tirrispondi telephone u l-interess tax-xhud zgur ma kienx li jfixkilha ghax hu riedha tahdem izda ma kellux il-kooperazzjoni li xtaq minn ghandha. Sostna li hu ma keccihix izda telqet minghajr permess u giet lura u riedet tirranga izda x-xhud qalla li kellu jara x'ser isir u jinfurmaha l-quddiem. Il-procedura tat-'twissijiet' normalment kienet li jaghtu tlett twissijiet u l-appellant kella izjed minn tlett 'warnings' bil-fomm u tkecciet ghax ma kienetx taghti servizz tajjeb lill-fabbrika. In kontro-ezami ix-xhud qal li hu kien taha zieda fil-paga, qalla tikkopera fix-xoghol taghha u tkun izjed efficjenti. Hu kien dam xi sena u nofs biex jittrenjaha fix-xoghol klerikali izda meta ma setghetx tilhaq livell ghola kien hemm bzonn li jdahhlu skrivan iehor biex jaghmel ix-xoghol li hi ma kienetx kompetenti taghmlu. Iddeskrituha li meta kienet tkun mghobbija ftit bix-xoghol u hu kien iqassmu, l-appellant kienet tirreagixxi ghal gurnata jew tnejn u tkun 'non cooperative' u ma kenitx trid taghmel xoghol u tibqa' mifxula. Kienet ukoll tirreagixxi meta kien ikun hemm xoghol li ried isir b'sistema li ma tkunx trid taddotta hi. Minn meta dahal l-iskrivan il-gdid u specjalment minn mindu kienu jahdmu fl-istess ufficcju, l-'output' taghha nizel anke f'xoghol li kienet fih efficjenti, kienet ikkreat atmosfera li wiehed kien jibza jkellem lill-iehor, certa tensjoni.

Gerald Vassallo qal li ghall-ahhar ta' Lulju hu kien mar jiehu c-certifikat tat-tabib li kien datat 25 ta' Lulju (Dok. Bl) u tkellem mas-Sur Godwin Navarro u kien qallu li t-tifla tieghu, l-appellant, kienet 'ghal kull haga ta' xejn tigi tibki d-dar; dejjem tghid li inti tghajjat maghha u dejjem tiksirha quddiem min ikun" u s-Sur Navarro wiegbu li ha gost li ser tiehu hanest ijiem mistrieh ghax hekk kella bzonn u tah parir biex johorguha u biex tiehu mistrieh.

Mario Caruana (Ufficjal fid-Dipartiment tax-xoghol) qal li fl-10 ta' Jannar kienet marret ghandu l-appellant u qaltlu li kienet impjegata ma Velna Shirts u li l-impieg taghha gie tterminat. Hu cempel il-fabbrika u qalulu li din kienet ghadha impjegata u ghalhekk bghatha biex tkompli.

George Callus (Ufficjal fid-Dipartiment tax-xoghol) qal li fil-ll ta' Jannar 1980, l-appellant marret ghandu l-ufficcju, qaltlu li kienet tkelmet mas-Sur Caruana lejlet, li kien cempel u qalulu li hi kienet ghadha impjegata izda meta marret lura ma gietx accettata. Ghalhekk cempel lis-Sur Navarro u dan wiegbu "din ghadha mpjegata maghna pero' ghal issa ma tigix sakemm tara l-Kumpanija," u meta staqsieh jekk tidholx ghax-xoghol it-Tnejn wiegbu, "li ghal issa ma tigix meta naraw ahna tinfurmaha l-Kumpanija stess meta ghandha tigi." "Hi ghadha still in employment."

Lewis Padovani - qal li hu dahal mal-Kumpanija fl-20 ta' Marzu 1978, u kien assistent tad-Diretturi u l-appellant kienet responsabbli lejn is-Sur Godwin Navarro. Qal li r-reazzjoni meta wiehed kien isibilha xi zball ma kienetx normali u kienet tghid li "Jiena dejjem ghandi zbalji, inti dejjem tajjeb " u s-Sur Godwin Navarro kien jehodha bit-tajjeb meta kien jigri xi zball waqt li s-Sur Oliver Navarro, Direttur iehor ma xtaqx li jkollu x'jaqsam maghha ghaliex

ma setghax jikkomunika magħha għax hi dejjem tgħid li r-raguni tagħha hi tajba. Fl-aħħar gurnata l-appellant u s-Sur Godwin Navarro kienu jiddiskutu x'procedura u ma qablux fuq is-sistema kif tinhadem. L-appellant riedet taghha ghax hi kienet 'first in class' u affarijiet bhal dawn, hi bdiet tibki, ghamlet il-buli u hadd ma seta' jkellimha, id-Direttur qalilha biex tmur fir-'rest room' biex tiehu ftit mistrieh u hi qabdet u telqet; aktar tard giet lura u riedet tirranga. Qal ukoll li cemplu tad-Dipartiment tax-Xoghol; meta kienet hemm l-appellant kienet tgorr li l-'machinists' kienu jiehdu paga izjed minnha u dan kien ghax kienu jiehdu 'production bonus'. Ix-xhud qal ukoll li meta d-Direttur kien jispjegalha l-metodu tieghu hi dejjem riedet taghha, kien jipprova jikkomuna izda ma kienx jirnexxielu ghax dejjem il-metodu taghha tajjeb u dejjem kien jghidulha biex taghmel izjed kooperazzjoni. In kontro-ezami ix-xhud ftakar meta l-appellant taha attakk isteriku u kellu iwassalha d-dar; ftakar ukoll li f'Jannar kien hemm xi kwistjoni bejn l-appellant u s-Sur Godwin Navarro u sema l-klien li qal is-Sur Godwin Navarro 'fate larga", izda mhux il-klien "hawnhekk ma rridekx," u li sema' wkoll lis-Sur Godwin Navarro jghidilha "Mur fir-rest room". Minflok hi marret id-Dipartiment tax-Xoghol u meta marret lura l-fabbrika, ix-xhud kellu struzzjonijiet minn ghand is-Sur Godwin Navarro biex ihallilha tistenna barra l-ufficcju halli jkellimha. Meta dahlet l-ufficcju qaltlu lis-Sur Godwin Navarro 'ejja nirrangaw kollox, ejja nirrangaw kollox' u dan talaba qabel xejn apologija talli hi marret tghid li hu ried ikeccilha u din irrifjutat li taghmel apologija u wara qalla "mur id- dar u meta d-diretturi jikkunsidrawha nergghu nikkuntattjawk."

7. Sottomissjonijiet finali. Ghall-appellant gie sottomess li din tkecciet mill-impieg ghal hames ragunijiet:

/9. .....

(1) xoghol hazin;

(2) disubbidjenza ta' spiss;

(3) 'persistent insubordination';

(4) li kienet thalli l-post tax-xoghol minghajr permess;

(5) li kienet tirreagixxi sterikament ghal twissijiet moghtija lilha ghan-nuqqasijiet taghha.

Fuq xoghol hazin ma kien hemm ebda xhieda; anzi mix-xhieda li nstemghet deher li xogholha dejjem ghamlitu tajjeb sahansitra li mmeritat zieda fil-paga f'Jannar ta' 1979. Fuq disubbidjenza ta' spiss u 'persistent insubordination', il-Kumpanija ma kellha ebda prova hlief li l-appellant taht certi cirkostanzi, kienet tinfixel, tinstaram u tidhol f' qoxritha; qatt ma halliet il-post tax-xoghol minghajr permess inqas fl-10 ta' Jannar 1980. Fuq reazzjonijiet isterici gie sottomess li dawn kienu rari u kienu rizultat ta' trattament ta' ghajjat u tisbit mid-Direttur li kien ukoll eccetabbli u taht kura ta' kalmanti u jidher li ma kienx hemm dik it-tolleranza li ghandu jkollu 'management' biex jittratta mat-temperamenti diversi ta' l-impjegati. Gie sostnut li dawn l-attakki kienu rizultat ta' trattament hazin tas-Sur Godwin Navarro. It-tkeccija ta' l-appellant ma kienetx fuq 'redundancy' u ghalhekk setghet tkun biss jew fuq kondotta jew kapacita' u fuq dawn il-kumpanija ma kellha ebda xhieda u fuq kollox it-Tribunal dejjem spjega li l-impieg kien sagru u ma jistax jintemm jekk mhux ghal raguni gusta u wara twissijiet xierqa preferibbilment bil-miktub b' mod li t-twissija tkun interpretata bhala haga ghal xi piena. F'dan il-kaz dan ma sarx u t-twissijiet bil-form li saru, jekk tabilhaqq saru, zgur li ma distingwewx bejn twissija fis-sens ta' canfira, hasla jew korrezzjoni u twissija fis-sens dixxiplinarju ta' twiddiba. Fuq l-incident ta' l-10 ta' Jannar 1980 li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant, minn naha wahda kien hemm il-versjoni ta' l-appellant u minn naha l-ohra kien hemm il-versjoni tad-Direttur izda hekk jew hekk l-appellant ma deherilix li kellha taghmel apologija ghax irriteniet li l-metodu taghha kien tajjeb u tghid li d-Direttur keccieha

u minn naha l-ohra il-verzjoni li d-Direttur bghatha fir-rest room u hi harget bla permess. Gie ghalhekk sostnut li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghat-tkeccija, u dan minghajr twissijiet qabel bil-miktub jew bil-fomm formali quddiem xhieda u ghalhekk l-appellant titlob li

a) ghandha terga' tidhol fl-impieg li kellha, bil-paga li kellha u zidiet dovuti mill-14 ta' Jannar 1980;

b) li tigi kompensata ghad-difamazzjoni li fih ic-certifikat tat-temm tal-impieg u ghall-inkwiet li kkagunatilha t-tkeccija;

c) fil-kaz li 're-instatement' mhux prattikabbli, li certifikat tat-temm tal-impieg jitbiddel u li tigi kompensata ghaz-zmien li sfat bla xoghol meta mqar ma setghet tircievi kumpens ghax bla xoghol.

Ghall-Kumpanija gie sottomess li l-Kumpanija hija wahda zghira mmexxija mill-familja u ghalhekk specjalment fil-kaz tan-numru zghir hafna ta' haddiema klerikali li jahdmu f'kuntatt dirett mad-Diretturi, ma kienx hemm lok ta' sistema sofistikata ta' 'warnings' izda mix-xhieda li nstemghet irrizulta abbondantement li:

a) l-appellant ghandha karattru difficli u mhux indikat ghal xoghol f'ambjent zghir - ic-certifikati tat-tobba li gew ipprezentati kienu bizzejjed xhieda ta' dan;

b) ma kienetx lesta li taghmel dak li jghidulha s-superjuri taghha izda kienet tinsisti li taghmel ix-xoghol kif riedet hi minkejja li ma kienx il-mod indikat lilha mill-'management';

c) l-appellant dejjem sostniet li kellha ragun u haddiehor kellu tort u fuq rimarka ta' xi zball fix-xoghol taghha kienet tirreagixxi billi ma taghmilx xoghol taghha ghal xi zmien;

d) kellha fissazzjoni li l-Kumpanija assumiet fl-impieg taghha lis-Sur Padovani biex jehodilha l-post taghha u li l-haddiema l-ohra kienu jithallsu izjed minnha;

e) li fl-incident ta' l-10 ta' Jannar 1980, is-Sur Godwin Navarro ma ha l-ebda decizjoni dak il-mument, izda qal lill-appellant biex tmur fir-'rest-room' imhabba l-istat isteriku taghha, minflok telqet minn fuq ix-xoghol u marret id-Dipartiment tax-Xoghol;

f) Il-Kumpanija ma hadetx decizjoni dik in-nhar ta' l-10 ta' Jannar 1980 izda din ittiehdet wara li gie diskuss il-kaz kollu.

Gie sostnut li kien ghal dawn ir-ragunijiet validi li l-impieg ta' l-appellant gie terminat.

8. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak kollu li rrizulta mill-provi u dak li ssottomettew il-partijiet. Huwa tajjeb li qabel xejn jigu ezaminati r-ragunijiet li wasslu lill-Kumpanija biex jitterminaw l-impieg ta' Vincenza Vassallo biex wiehed jara jekk tistax tigi accettata l-ispjegazzjoni ta' l-istess Vincenza Vassallo u l-punti sottomessi tant tajjeb mir-rapprezentant taghha, u jekk mhux accettabbli jekk ir-ragunijiet li ssottomettew il-Kumpanija humiex ta' gravita' tali li kollha f'daqqa jwasslu ghall-piena estrema tal-licenzjament. It-Tribunal f'din il-haga jinsab f' posizzjoni mhux tajba wisq imhabba li x-xhieda kienet skarsa

wisq. L-appellant xehdet li minn jedda u l-erba' xhieda l-ohra ma kienux ta' ghajnuna wisq ghall-kaz taghha, anzi wiehed mix-xhieda ta' l-appellant mhux biss ma gheniex izda seta' biss jgharraqha. Minn naha l-ohra l-Kumpanija tellghet xhud wiehed biss is-Sur Lewis Padovani, li f'xi punti importanti, ikkorrabora dak li qal is-Sur Godwin Navarro, Direttur tal-Kumpanija msejjah xhud mill-istess appellant. It-Tribunal pero' ma jistax ma jinxix u jiddelibera fuq dak li jigi ppruvat.

Ir-rapprezentant ta' l-appellant sahaq hafna li t-Tribunal dejjem sostna li l-impieg huwa sagru u li hadd ma ghandu jigi mkecci minghajr twissijiet serji u possibilment bil-miktub. Dan huwa fatt li t-Tribunal dejjem ghamel car. Izda wiehed inqas ma ghandu jabbuza minn dan ghax min jimpjega ma jkunx jimxi b'dawn ir-regoli fissi li t-Tribunal jixtieq li jigu osservati minn kull min jimpjega. Il-Kumpanija fuq dan il-pont issottomettiet li specjalment ghaz-zewg impjegati klerikali li kienu jahdmu f'kuntatt dirett mad-Diretturi ma kienx hemm lok ta' sistema ta' dixxiplina hekk formali. Mix-xhieda jidher li ghall-impjegati l-ohra li jahdmu fuq il-magni xi sistema kien hemm. Mix-xhieda kemm tas-Sur Godwin Navarro kif ukoll tas-Sur Lewis Padovani jidher li kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn l-appellant giet mghotija twiddiba bil-fomm izda ma kienux formali bizzejjed li setghu jbezzghu lill-appellant li l-agir taghha seta' jwassalha li titlef l-impieg.

Il-Kumpanija sostniet li l-karattru ta' l-appellant kien difficli u mhux indikat ghal xoghol f'ambjent zghir. Dwar dan il-punt il-Kumpanija kienet ipproducíet tlett certifikati tat-tabib li juru li mill-ahhar gimgha ta' Gunju 1979 sal-bidu ta' Lulju 1979 l-appellant kellha tfalli mhabba "severe anxiety" ghal perijodu iehor ta' tmint ijiem f'Awissu 1979 imhabba "nervous anxiety" u f'Novembru 1979 ghal erbat ijiem imhabba 'hysterical attack'.Ghal dan

ir-rapprezentant ta' l-appellant wiegeb li dawn kienu rizultat ta' l-agir u l-karattru tad-Direttur tal-Kumpanija ghax ma kienx jehodha tajjeb. L-appellant fix-xhieda taghha qalet li dawn kienu provokatii minn tlett incidenti li t-Tribunal ma jarahomx ta' gravita' hekk serja li setghu jipprovokaw reazzjonijiet hekk serji izda dan jiddependi mill-individwu.

Il-Kumpanija qalet ukoll li l-appellant ma kienetx lesta li taghmel dak li jghidulha s-superjuri taghha, li kienet tinsisti li taghmel ix-xoghol bis-sistemi taghha u mhux dawk indikati lilha mill-'management' li kienet issostni li hi dejjem kellha ragun u fuq rimarka ta' zball, kienet tirreagixxi billi ma taghmilx ix-xoghol taghha ghal xi zmien. Mill-kumpless tax-xhieda kif ukoll tad-Direttur is-Sur Godwin Navarro u tas-Sur Louis Padovani, assistent tad-Direttur tal-Kumpanija dan jirrizulta sodisfacentement,

Dwar li l-appellant kellha fissazzjoni li l-Kumpanija assumiet lis-Sur Padovani biex jehodilha posta u li l-haddiema l-ohra kienu mhallsa izjed minnha, it-Tribunal ma jarax li dawn kienu htijiet serji u ghalhekk sejjer jitraskurahom.

Dwar l-incident ta' l-10 ta' Jannar 1980 li kien it-tibna li qasmet dahar il-gemel, il-Kumpanija ssostniet li d-Direttur qal lill-appellant biex tmur fir-'rest-room' mhabba l-istat isteriku li kienet fih, ma keccihix il-barra. L-appellant fix-xhieda taghha qalet li s-Sur Godwin Navarro kien kecciha u qalla biex titlaq il-barra quddiem is-Sur Oliver Navarro direttur iehor izda dan ma nstemghax ghax ma giex imsejjah mill-parti nteressata. Minn naha l-ohra s-Sur Padovani fix-xhieda tieghu qal "Mr Navarro qalilha biex tmur fir-'rest-room' biex tiehu 'break' u din qabdet u harget. Morna nfittxuha u ma sibnihiex hemm." Dan il-klien 'mur fir-rest-

room' ikkonfermahom ukoll in kontro-ezami. Mela mix-xhieda li nstemghet johrog li l-appellant harget minghajr permess biex tmur u tirraporta lill-Principal tad-Dipartiment tax-Xoghol. It-Tribunal ma jistaghgeb xejn bir-reazzjoni fis-sahna tal-mument ta' l-appellant izda ma jaghtix tort lill-Principal li sa dak il-hin li l-appellant regghet lura ghax-xoghol u anki sa jumejn wara ma kienx ha ebda decizjoni fuq x'passi dixxiplinarji sejjer jiehu dwar l-agir u l-ingieba ta' l-appellant, li ma jittrattax dan l-incident b'certa serjeta'. Kien wara dan l-incident li d-Diretturi ddecidew li mhabba cirkostanzi ta' qabel u x'gara fil-10 ta' Jannar 1980, l-appellant ma kienetx l-iskrivana adatta ghal mall-Kumpanija u l-impieg taghha gie terminat fit-13 ta' Jannar u mhux fl-10 ta' l-istess xahar il-jum ta' l-incident.

9. Award. Ghal dawn ir-ragunijiet u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant izda jordna li c-certifikat tat-temm ta' l-impieg jitbiddel billi minflok il-kliem 'persistent insubordination' jidhlu l-kliem 'mhux adatta ghal mal-Kumpanija Velna Shirts,' u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

18 ta' Settembru 1980.

em